PROBLEMI TAL-ĦAJJA 23/7 1983.

Il-kittieb ta' dan l-artiklu hu gradwat mill-Università ta' Malta li qed ikompli jistudja għal grad ogħla fix-xjenza politika fiċ-ċentru ta' Bolonja ta' l-Università Johns Hopkins. Studji bħal dawn u ċerta distanza minn Malta jagħtu lill-kittieb perspettiva aħjar tax-xena Maltija bil-problemi politiċi tagħha.

# Il-moralizzazzjoni tas-sistema politika taghna

RODERICK PACE

Il-kliem **"moralizzazzjoni tas-sistema politika"** ta' pajjiżna jista' ma jdoqqx nota ħelwa f'widnejn min il-kelma **morali** tilfet kull sinjifikat jew saret kelma antikwata ż-żejjed għall-mentalità **"avant guardista"** tiegħu. Meta niddiskuti l-**"moralizzazzjoni tas-sistema politika"** mhux qed nagħmel xi priedka reliġjuża u lanqas ma nappella għall-valuri morali Nsara, imma għal prinċipji **"universali"** jiġifieri dawk il-prinċipji li hu x'inhu t-twemmin poltiku jew reliġjuż tiegħek tasal biex taċċettahom bl-użu elementari tar-raġuni. Naċċettaw jew ma naċċettawx il-kelma speċifika **"moralizzazzjoni"**, illum hawn ħafna nies f'pajjiżna li jaċċennaw għal din il-ħaġa anki jekk ma jesprimuhiex f'daqshekk kliem.

Għal snin twal, ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Malta għaddew dan il-ġudizzju kemmxejn sempliċi imma li fih ħafna verità: **"Il-politika hija maħmuġa"**. Dan il-kliem smajnieh kemm-il darba, fil-ħwienet, fit-toroq, fuq il-postijiet tax-xogħol, fid-djar tagħna... Ngħiduh ukoll fil-preżent u jiddependi minna jekk ikollniex għalfejn ngħiduh fil-futur. Ħaġa hija allarmanti: li minkejja l-fatt li l-politika hija maħmuġa f'pajjiżna xorta hawn parteċipazzjoni qawwija ferm fiha. Biżżejjed wieħed jinnota l-fatt li aħna l-Maltin norqdu u nistenbħu nitkellmu fuq il-politika u l-fatt li fl-elezzjonijiet dejjem (ġeneralment) ivvotaw aktar minn 90 fil-mija. Għal poplu li hu konvint li l-politika hija maħmuġa u li **"min jidħol fiha jitħammeġ"**, din il-parteċipazzjoni fil-proċess politiku hija kemmxejn għolja ż-żejjed, jew aħjar stramba.

Naturalment fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Maltin fil-politika jidħlu elementi oħra wkoll. Biżżejjed insemmu li l-polarizzazzjoni tista' tkun wie-

ħed mill-fatturi li jwassal għal din il-parteċipazzjoni. Jekk hu hekk din m'hix eżattament il-parteċipazzjoni li wieħed kieku jixtieq jinkoraġġixxi, imma hija parteċipazzjoni misqija mill-pika.

Normalment meta ngħidu li **"il-politika maħmuġa"** jew xi derivazzjoni oħra ta' dan il-ġudizzju ftit li xejn napprofondixxu l-ħsieb tagħna għall-fatt li dan il-ġudizzju li nagħmlu jimplika li l-politika tagħna hija **immorali u għalhekk m'hix politika.** Għax l-iskop aħħari tal-poter huwa l s-soċjetà titmexxa għall-ġid ta' kull individwu u kull valur ieħor fil-politika huwa ibbażżat fuq dan. **Il-poiltika għalhekk hija ibbażata fuq prinċipji morali.**

Sistema ta' treġija mingħajr moralit hija biss treġija mekkanika u dittatorjali fejn l-individwu jsir biss oġġett u kollox isir deċitu. F'soċjetà ta' din il-kwalità sseħħ fużjoni tat-tajjeb u l-ħażin u ma jibqgħux iżjed distinti. Kulħadd igħaddi minn wieħed għall-ieħor qisu qatt ma kien xejn (ma nażżardax ngħid bla ma jaf!). Jekk il-politika jagħmluha l-bnedmin għall-bnedmin allura tippresupponi bażi morali għax kull att konxju tal-bniedem huwa dirett lejn xi ħaġa tajba biex verament jkun att tajjeb.

## IL-KORRUZZJONI

Nerġgħu lura għal ftit fil-politika reali ta' gżiritna. Fil-kampanja elettorali tal-1971, il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern ġie akkużat mill-Malta Labour Party bil-korruzzjoni. Il-MLP għamel din l-akkuża waħda mit-temi elettorali. Dan il-partit anki bena l-"image" ta' partit li qed jiġġieled kontra l-korruzzjoni u għalhekk ta' partit favur il-moralizzazzjoni tal-politika Maltija. Bla dubju ta' xejn ħafna nies tawh il-vot tagħhom minħabba f'dan. Fl-1981 il-folja nqalbet u l-akkużat tal-1971 issa sar l-akkużant u l-akkużant tal-1971 issa sar l-akkużat. X'ġara fil-frattemp?

Naħseb li raġuni għal din il-bidla kienet sempliċi li l-MLP fil-Gvern naqas milli jieħu passi meħtieġa biex jekk kien hemm xi korruzzjoni qabel din tinkixef. Fi kliem ieħor ma wettaqx **il-moralizzazzjoni tas-sistema politika** Maltija li ħafna kienu qed jistennew minnu. Mhux hekk biss, imma bil-mod il-mod anki x'uħud mid-diriġenti tiegħu bdew jiddeġeneraw fil-waqt li l-Partit Nazzjonalista fl-oppożizzjoni rnexxielu jimmodernizza ruħu L-iktar ħaġa kruċċjali hi li sa llum għadna ma sibniex bħala nazzjon tarf tal-korruzzjoni fis-sistema politika tagħ-

na u allura ma nistgħux insibu tarf tal-korruzzjoni f'oqsma oħra tas-soċjetà. Dan minkejja l-fatt li kif diġà għidt il-marda soċjali ilha skoperta fil-ġisem politiku tagħna għal snin twal.

Imma nħallu l-koruzzjoni mal-ġenb għalissa, għalkemm jien insostni li din hija l-qalba tas-sistema politika **immorali** li għandna. Insemmu affarijiet oħra li jagħmlu s-sistema tagħna **immorali**, affarijiet li m'humiex daqshekk kwantifibbli jew apparenti — per eżempju l-gideb, in-nofs veritajiet, il-ġuramenti foloz, l-użu ta' mezzi leġittimi biex jinħolqu klijenteli li jwasslu għal eġemonija ta' individwi fil-politika, ambizzjonijiet personali u egoistiċi, il-kilba għall-poter, traskuraġni fl-ippjanar li jwassal għall-ħela ta' flus il-poplu, irresponsabbiltà u ħwejjeġ oħra simili.

Minn dan kollu nindunaw li meta ngħidu "**il-politika maħmuġa**" inkunu għadna biss tlajna l-ewwel tarġa. Jekk nieqfu fuqha nkunu naċċettaw il-fatt li għadha u tibqa' maħmuġa. Irridu niftakru li l-politika titħammeġ min-nies u tista' titnaddaf minnhom ukoll. Kollox jiddependi minn kemm innies għandhom ir-rieda u l-qawwa li jnaddfuha.

## IL-VALURI

Jidhirli li l-bażi morali tas-sistema politika ideali tista' tiġi ridotta għal dawn il-ftit valuri.

Ibda biex min jitla' fil-poter irid jaġixxi korrettament.

Irid iservi u mhux jiddomina jew jisfrutta.

Irid iżomm dejjem quddiem għajnejh li l-poplu wera fiduċja fih għax ħaseb li jista' jagħmlilhom il-ġid.

Il-liġi qiegħda hemm għal kulħadd u mhux għall-poplu biss.

Irid iżomm quddiem għajnejh dejjem il-prinċipji ta' ġustizzja u mħabba u jkeċċi minn moħħu t-tentazzjoni li jikkonsidra l-poter bħala proprjetà privata tiegħu (jew xi ċens perpetwu) jew li l-kontribut tiegħu huwa indispensabbli għal dejjem. Ħsibijiet bħal dawn itellfu lil politikant kull sens ta' prinċipju u jitrasformawh **f'aġent immorali.** Jekk ikun hemm iktar minn politikant bħal dan, allura is-sistema kollha ssir **immorali.**

Dawn il-prinċipji jidhirli li huma "universali" għax jistgħu jiġu aċċettati minn kulħadd u ma jirrikjedux li bniedem ikun ta' ċerta xelta reliġjuża jew ideoloġika. Huma prinċipji li nibtu fl-esperjenza tal-bniedem. Fi kliem ieħor, dawn huma l-prinċipji "uni-

versali" tas-sinċerità, l-onestà, il-verità, il-ġustizzja, l-imparzjalità u oħrajn simili li mingħajrhom il-politika ma tkun xejn ħlief tmexxija sfurzata.

Huwa possibbli li noħolqu sistema politika morali f'pajjiżna, jekk kemm-il darba nwebbsu rasna li rridu nagħmluha. Din tista' twassal ukoll biex titneħħa l-polarizzazzjoni politika minn pajjiżna, jinqata' ħafna mill-ħela u mhux biss inkunu nistgħu ngħixu aħjar, imma nkunu nistgħu naħdmu lkoll flimkien biex inħabbru l-ġid tagħna. L-effetti ta' **sistema politika morali** huma li l-ħajja tagħna tista' titjieb kwantitivaent u kwalitivament.

## ALTERNATTIVI

Biex naslu għal din is-sistema, jeħtieġ li nibqgħu **nikkontrastaw l-elementi immorali fis-sistema politika tagħna llum ma' kif għandhom ikunu biex ikunu sew.** Irridu ninnegaw l-elementi ħżiena, inkunu kritiċi u nipproponu **alternattivi.** Irid ...isir ...attakk qawwi fuq il-korruzzjoni u min hu responsabbli — kien min kien — għandu jiġi ġustizzjat. Għandha titneħħa kwalunkwe ħaġa li toħloq lok għall-korruzzjoni. Fuq kollox is-sistema tal-poter trid tinfetaħ aktar, il-parteċipazzjoni diretta tal-poplu tikber u jkun hemm "flow" akbar ta' informazzjoni għall-poplu. Il-politika tagħna bħalissa, ibbażata fuq il-klijentiliżmu trid tinqered. Fi kliem ieħor trid isseħħ rivoluzzjoni sħiħa fil-qasam politiku.

Il-partiti politiċi Maltin għandhom sehem kbir x'jagħtu. Jistgħu qabel xejn jaraw li huma stess qed jibbażaw il-politika tagħhom fuq prinċipji sodi u ta' integrità.

It-tieni jistgħu jaraw li ċerti nies magħrufa għall-korruzzjoni tagħhom ma jidħlux fis-sistema tal-poter permezz tagħhom.

Ikun gwaj kbir jekk min qiegħed iwiegħed **il-moralizzazzjoni tas-sistema politika tagħna llum ifalli meta jkun fil-poter. Illum f'Malta teżisti kategorija ta' nies li mhux faċli jaċċettaw dan it-tip ta' falliment fl-istorja ta' pajjiżna. Jekk jiġri dan, ma jibqa' l-ebda triq oħra, ħlief dik tal-lotta rivoluzzjonarja biex taħtaf il-poter politiku qabel ma l-poplu jitlef kull fiduċja fis-sistema politika tagħna u tidħol il-bruda, in-nuqqas ta' interess u fl-aħħar id-deġenerazzjoni kompleta tas-soċjetà.**

Il-problema ta' kif se tiġi moralizzata s-sistema politika f'Malta llum hija l-problema ċentrali tal-poplu tagħna llum. Hija l-problema l-aktar kruċja-

li wkoll, għax timplika mhux biss rivoluzzjoni sħiħa fis-sistema politika u għalhekk il-bdil ta' ħafna nies li jinsabu f'pożizzjoni ta' tmexxija llum, imma anki li r-rinnovament ta' l-oqsma l-oħra tal-ħajja Maltija ma jkunx jista' jibda. Għax kif jista' jiġi esegwit pjan maħsub ta' rinnovament fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija, jekk min imexxi m'huwiex il-bniedem jew m'humiex in-nies li għandhom imexxu?

---

## Il-Komunita' Politika u l-Knisja

"Il-ħwejjeġ ta' l-art u dawk li, fil-kondizzjoni tal-bnedmin, jissuperaw din id-dinja, huma marbutin ħafna flimkien, u l-Knisja stess tuża l-ħwejjeġ temporali sakemm hekk titlob il-missjoni proprja tagħha. Imma ma tqegħidx it-tama tagħha fi privileġġi offruti lilha mill-awtorità ċivili; anzi tirrinunzja għall-eżerċizzju ta' ċerti jeddijiet leġittimament miksuba fejn tara li ħtija tagħhom in-nies jistgħu jibdew jiddubitaw mis-sinċerità tax-xhieda tagħha jew fejn il-kondizzjonijiet ġodda tal-ħajja jridu dispożizzjonijiet oħra. Imma dejjem u kullimkien huwa jedd tagħha li xxandar il-fidi b'libertà vera, tgħallem id-dottrina soċjali tagħha, tmexxi l-ħidma tagħha bla tfixkil fost il-bnedmin, u tagħti wkoll il-ġudizzji morali tagħha fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-ordni politiku meta l-jeddijiet fondamentali tal-persuna, jew is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, jitolbu dan. Hija tagħmel dan billi tuża l-mezzi kollha, u lilhom biss, li jaqblu ma' l-Evanġeliju u mal-ġid ta' kulħadd skond iż-żminijiet u s-sitwazzjonijiet differenti."

**Vatikan II,**
**"Gaudium et Spes", n. 76**